# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

Onor. Imħallef Henri Mizzi

**Illum 4 ta' Frar 2025**

**Nru: 6**

**Rikors Nru. 110/2020**

## Isabella Whitmore Mizzi

**v**

## Denise Chappelle, Alexander Mizzi u Maria Giovanna sive Joanna Calamatta

### It-talbiet tar-rikorrenti u r-risposta tal-konvenuti

1. Ir-rikorrenti Isabella Whitmore Mizzi u l-konvenuti Denise Chappelle, Alexander Mizzi u Maria Giovanna sive Joanna Calamatta huma wlied Carmelo sive Charles Mizzi u Beatrice sive Bice Mizzi.

2. Fit-22 ta' Ottubru 2017, mietet omm il-kontendenti, Beatrice sive Bice Mizzi. Fl-aħħar testment tagħha, cioè dak fl-atti tan-Nutar Dottor Claire Camilleri tad-19 ta' Lulju 2016, Beatrice sive Bice Mizzi ħalliet lil żewġha bħala eredi universali. F'każ li dan ikun miet qabilha, hija nnominat lill-konvenuti bħala l-eredi universali u l-padruni assoluti tal-beni tagħha. Fit-testment hija ddikjarat:

> "illi a rigward binta l-oħra Isabella mart Barry Whitmore, din ikollha dritt għas-sehem riżervat biss u dan peress illi t-testatriċi tatha donazzjoni ta' flus matul ħajjitha f'diversi okkażjonijiet."[1]

---

[1] Ara t-testment ta' Beatrice Mizzi fl-atti tan-Nutar Dottor Claire Camilleri tad-19 ta' Lulju 2016, f'paġni 169-171.

3. Peress li fit-22 ta' Ottubru 2017, missier ir-rikorrenti u l-konvenuti kien għadu ħaj, huwa wiret l-assi ereditarji ta' Beatrice sive Bice Mizzi. Missier il-kontendenti miet ftit aktar minn sena wara, fis-16 ta' Jannar 2019. L-aħħar testment tiegħu, cioè dak tad-19 ta' Lulju 2016 ippubblikat ukoll min-Nutar Dottor Claire Camilleri, huwa identiku għal dak li għamlet martu, Beatrice Mizzi.[2]

4. F'dan it-testment, Carmelo Mizzi nnomina bħala l-eredi universali tiegħu lil martu, u f'każ ta' premorjanza tagħha, lill-konvenuti f'ishma ndaqs bejniethom. Bħal martu, huwa ddikjara li fid-dawl tad-donazzjonijiet ta' flus li r-rikorrenti rċeviet mingħandu f'diversi okkażjonijiet, ir-rikorrenti għandha tingħata biss il-porzjon spettanti lilha mis-sehem riżervat.

5. Ir-rikorrenti tikkontesta d-dikjarazzjoni li għamel missierha fit-testment tiegħu u tikkontendi li hija qatt ma rċeviet xejn mingħand id-defunt missierha; la xi donazzjoni ta' flus u lanqas proprjetà. Hija ssostni li l-intent ta' missierha kien li "jivvantaġġja lil uliedu intimati a skapitu u dannu tas-sehem spettanti lill-attriċi." Għal din ir-raġuni, hija tgħid li t-testment ta' missierha huwa null u bla effett legali, u li jimmerita li hija tirċievi sehem ugwali daqs ħutha l-konvenuti mill-wirt ta' missierha.

6. F'każ li din it-talba ma tiġix milqugħa, ir-rikorrenti titlob lill-qorti tillikwida l-porzjon tagħha mis-sehem riżervat, kif ukoll l-imgħax dovut. Dan għaliex minkejja li hija interpellat lil ħutha biex jersqu għal-likwidazzjoni u l-ħlas tal-porzjon dovut lilha permezz tal-ittra uffiċjali tal-20 ta' Awwissu 2019, dawn baqgħu inadempjenti.

7. Fir-risposta ġuramentata tal-konvenuti,[3] huma jeċċepixxu, in linea preliminari, in-nullità tar-rikors ġuramentat abbażi tal-artikolu 156(2) tal-Kap. 12, u dan għaliex ir-rikorrenti naqset milli ġġib il-provi dokumentarji rikjesti mil-liġi dwar it-testment jew testmenti ta' Carmelo sive Charles Mizzi, li jistgħu jirregolaw is-suċċessjoni tiegħu; punt li jidher li ġie effettivament abbandunat. Fis-sostanza, huma jargumentaw li ma teżisti l-ebda raġuni valida għalfejn il-qorti għandha tiddikjara li t-testment ta' Carmelo sive Charles Mizzi

---

[2] Ara t-testment ta' Carmelo sive Charles Mizzi fl-atti tan-Nutar Dottor Claire Camilleri tad-19 ta' Lulju 2016, f'paġni 166-168.
[3] Ara r-risposta ġuramentata ta' Denise Chappelle, Alexander Mizzi u Maria Gioanna sive Joanna Calamatta, f'paġni 19-21.

huwa monk, u jsostnu li x-xewqiet tiegħu – kif ġew espressi f'dan it-testment – għandhom jiġu rispettati. Fi kwalunkwe każ, huma jiċħdu dak li qalet ir-rikorrenti u jallegaw li r-rikorrenti fil-fatt irċeviet mingħandu diversi beni, benefiċċji u t'ammonti sostanzjali b'titolu ta' donazzjoni.

8. Fir-rigward tat-talba sussidjarja tar-rikorrenti, huma jiddikjaraw li ma jsibu l-ebda oġġezzjoni biex ir-rikorrenti tirċievi dak li huwa dovut lilha, cioè l-porzjon tagħha mis-sehem riżervat. Dana wara li tkun saret valutazzjoni tal-assi ta' Beatrice u Charles Mizzi, u wara li jiġu mnaqqsa l-ispejjeż inkorsi u l-ammonti kollha dovuti lil terzi.

**Kontribuzzjonijiet finanzjarji**

*Verżjoni tar-rikorrenti*

9. Fl-affidavit tar-rikorrenti,[4] hija kategorikament tiċħad li hija qatt irċeviet mill-ġenituri tagħha xi beni jew xi ammonti sostanzjali bħala donazzjoni. Dan jikkonfermah ukoll żewġha, Barry Michael Whitmore,[5] li fl-affidavit tiegħu jgħid li kemm ilu mar-rikorrenti, qatt ma jaf li l-ġenituri tagħha tawha xi donazzjoni jew rigal, lanqas għall-okkażjoni tat-tieġ tagħhom.[6] Fis-seduta tal-5 ta' Mejju 2021, ir-rikorrenti tellgħet rappreżentanti mill-banek BOV p.l.c., HSBC Bank Malta p.l.c., u l-APS Bank p.l.c., biex jixhdu u jippreżentaw statements bankarji kemm f'isem ir-rikorrenti kif ukoll f'isem il-ġenituri tagħha.[7] Skont ir-rikorrenti, l-istatements bankarji ppreżentati juru li ma saru l-ebda donazzjonijiet favur tagħha minn Carmelo u Beatrice Mizzi.

10. Fl-affidavit tar-rikorrenti, hija tispjega li l-mezzi finanzjarji tal-familja tagħha minn dejjem kienu skarsi.[8] Dak li kien jaqla' missierha bħala *foreman* id-Drydocks, kellu jservi biex imantni familja ta' sitta. Peress li l-ġenituri tagħha kellhom erbat itfal x'jitimgħu, jlibbsu,

[4] Ara l-affidavit tar-rikorrenti Isabella Whitmore Mizzi, f'paġni 28-49.
[5] Ara l-affidavit tar-raġel tar-rikorrenti, Barry Michael Whitmore, f'paġni 50-51.
[6] L-istess tgħid iz-zija tar-rikorrenti, Mary De Felice, fl-affidavit tagħha. Ara l-affidavit taz-zija tar-rikorrenti, Mary De Felice, f'paġni 57B-60.
[7] Dawn l-istatements imorru lura għas-sena 2016 għall-bank BOV p.l.c. u għall-2019 għall-HSBC Bank Malta p.l.c. (Ma kien hemm l-ebda kontijiet attivi mal-APS Bank p.l.c.). Ara x-xhieda ta' Charmaine Psaila Ragi għan-nom tal-APS Bank p.l.c.; Lorraine Attard għan-nom tal-HSBC Bank Malta p.l.c.; u Joanna Bartolo għan-nom ta' Bank of Valletta p.l.c. fis-seduta tal-5 ta' Mejju 2021 f'paġni 63A-63E, flimkien mad-dokumenti ppreżentati f'paġni 64-136.
[8] Tant hu hekk li kellhom bżonn tal-għajnuna tal-Gvern biex setgħu jixtru d-dar residenzjali tagħhom f'San Ġwann. B'mod simili, biex setgħu jixtru karrozza, kellhom neċessarjament jissellfu l-flus mingħand in-nanniet paterni tar-rikorrenti.

jedukaw u jrabbu, dawn ma kellhomx flus żejda disponibbli u għalhekk qatt ma kienu f'pożizzjoni – lanqas li kieku xtaqu – li jagħtu xi donazzjoni ta' flus lir-rikorrenti.

11. Ir-rikorrenti taċċenna kif minħabba f'hekk, hija kienet kostretta ssib xogħol ta' età żgħira sabiex taqla' xi ħaġa żgħira tal-flus. Infatti meta kellha 15-il sena, hija bdiet toffri lezzjonijiet tal-pjanu, mil-liem lezzjonijiet kienet taqla' madwar Lm 15 fix-xahar.[9] Ta' 17-il sena sabet l-ewwel xogħol tagħha ma' '*SquareDeal Laundry and Drycleaning*' fejn kompliet taħdem sa Ġunju 1977. Hija ddeskriviet l-impjiegi kollha li kellha wara u cioè x-xogħol ta' segretarja ma' Malta Marine Repairs, ix-xogħol ta' skrivana ma' SMS, ix-xogħol ta' segretarja/*receptionist* ma' Canada Dry u x-xogħol fuq il-katamaran bħala *hostess/ courier*. Hija stabbilixxiet ukoll karriera fil-fotografija, bħala *freelancer*.[10] Illum tgħin ukoll lil żewġha f'xogħolu. B'dawn ix-xogħolijiet, hija tgħid li rnexxielha tkun finanzjament independenti u ma kellhiex bżonn tiddependi mill-ġenituri tagħha.

12. Hija ssemmi wkoll li l-ġenituri tagħha qatt ma tawha dota la meta tgħarrset mal-ewwel żewġ għarajjes tagħha (Ray Pizzuto u Edward Agius), la meta żżewġet lil ex-raġel tagħha, (Salvatore D'Urso) u lanqas meta eventwalment iżżewġet ir-raġel li għandha llum (Barry Michael Whitmore). Meta żżewġet lill-ex-raġel tagħha, hija organizzat, minn butha, riċeviment tat-tieġ kemm f'Malta kif ukoll fi Sqallija. Fl-affidavit hija tgħid li l-ġenituri tagħha qatt ma tawha rigal tat-tieġ – la meta żżewġet lil Salvatore,[11] u lanqas meta żżewġet lil Barry.

13. Lanqas m'għenuha biex takkwista xi proprjetà. Infatti biex xtrat l-ewwel proprjetà tagħha, l-għarus tagħha dak iż-żmien (Edward Agius) kellu jissellef il-flus mill-Lohombus Bank, filwaqt li hija kienet ġemmgħet Lm 1,000 għad-depożitu.[12] Illum il-ġurnata, hi u r-raġel tagħha għandhom numru ta' proprjetajiet; uħud minnhom kienu ta' żewġha qabel iż-żwieġ, filwaqt li oħrajn irnexxielhom jakkwistawhom mill-qliegħ li għamlu fix-xogħol rispettiv tagħhom.

---

[9] Ġieli kienet toqgħod ukoll *babysitter* għall-ommijiet li kienu jattendu l-laqgħat tal-Ladies' Circle ma' ommha.
[10] Hija sabet l-għajnuna ta' negozjant li għenha biex tistabbilixxi studio tal-fotografija f'Marsascala u biex takkwista t-tagħmir li kellha bżonn.
[11] Però meta imbagħad ġiet mistoqsija fil-kontro-eżami tagħha, issemmi "tray tal-EPNS" li ngħatat mingħandhom meta żżewġet lil Salvatore d'Urso u li baqa' fid-dar tal-ġenituri tagħha. (Ara l-kontro-eżami tar-rikorrenti Isabella Whitmore Mizzi, f'paġni 272a-272i).
[12] Meta ntemmet ir-relazzjoni tagħhom, dawn biegħu l-maisonette għal Lm 10,000.

14. B’hekk ir-rikorrenti tgħid li ma kellhiex għajnuna finanzjarja mill-ġenituri. Infatti l-affarijiet li għandha llum huma kienu r-riżultat ta’ xogħolha u ta’ żewġha, u l-kontribuzzjonijiet tal-ġenituri tagħha kienu minimi.[13] Bħala rigali tgħid li forsi rċeviet “biċċa scarf jew airfreshner”,[14] u li l-ġenituri tagħha aktar taw flus u għajnuna lil ħutha peress li dawn kellhom it-tfal (u hi ma kellhiex). Minkejja dan, hija tgħid li dejjem kienet ġeneruża magħhom.[15]

*Verżjoni tal-konvenuti*

15. Il-konvenuti jpinġu stampa ftit differenti. Huma jikkontendu li Isabella kienet il-mimmi t’għajnejn il-ġenituri u li dawn għamlu ħafna magħha. Huma jsemmu li lir-rikorrenti Carmelo u Beatrice Mizzi xtrawlha pjanu, u ħallsulha għal-lezzjonijiet tal-pjanu, għal-lezzjonijiet tal-privat, il-*braces* ta’ snienha, u biex tmur *cruise* l-Greċja meta kellha sittax-il sena.

16. Meta Isabella kellha xi 27 sena, hija mardet bil-Hodgkin’s u Carmelo u Beatrice Mizzi ħallsulha biex tmur għand l-aqwa tobba f’Malta. Missierha kien anke lest li jbiegħ id-dar biex Isabella tkun tista’ tmur tieħu t-trattament l-Ingilterra.[16] Il-konvenuti jsemmu li Isabella tilfet ix-xogħol meta kienet marida u li allura kellha tiddependi finanzjarjament fuq il-ġenituri tagħha. Meta imbagħad fieqet, il-konjugi Mizzi ħallsulha vjaġġ t’għaxart ijiem il-Vatikan, biex tieħu l-barka tal-papa u toffri ringrazzjament għall-fejqan tagħha.[17]

17. Il-konvenuti jsemmu li l-ġenituri tagħhom lir-rikorrenti kienu jorganizzawlha festin kull sena f’għeluq sninha. Apparti minn hekk, ħallsulha l-*engagement parties* rispettivi tagħha – u cioè r-riċeviment tal-għerusija tar-rikorrenti ma’ Ray Pizzuto u dak ta’ ma’ Edward Agius. Għall-kuntrarju ta’ dak li allegat ir-rikorrenti, il-konvenuti jsostnu li kienu Carmelo u Beatrice Mizzi li ħallsulha r-riċeviment tat-tieġ li organizzat fi Sqallija u f’Malta, meta

[13] Hija ssemmi li ta’ età żgħira kienu jħallsulha lezzjonijiet tal-pjanu, u xtrawlha pjanu, liem pjanu eventwalment inbiegħ meta kellha xi 23 sena.
[14] Żewġha, min-naħa l-oħra jgħid fl-affidavit tiegħu li omm Isabella ta’ spiss kienet tagħtih rigali. (Ara l-affidavit tar-raġel tar-rikorrenti, Barry Michael Whitmore, f’paġni 50-51).
[15] Infatti tgħid li ġieli ħallset il-biljett t’ommha sabiex din tkun tista’ tiġi magħhom meta marru fuq btajjel fi Sqallija, it-Turkija, it-Tuneżija u l-Italja. Apparti minn hekk, lill-ġenituri tagħha hi u Barry kienu ta’ spiss jeħduhom f’ristoranti u lukandi lussużi (Ara l-affidavit tar-rikorrenti Isabella Whitmore Mizzi, f’paġni 28-49).
[16] Dan issemmih ukoll Isabella - li tgħid li dan qatt m’avvera ruħu għaliex minflok siefret l-Ingilterra, hija ħadet il-kimoterapija b’xejn fl-Isptar Ta’ Boffa (Ara l-affidavit tar-rikorrenti Isabella Whitmore Mizzi, f’paġni 28-49).
[17] Dan il-vjaġġ Isabella ssemmih wkoll iżda ssostni, għall-kuntrarju tal-konvenuti, li hija ħallset il-prezz tal-vjaġġ tagħha (Ara l-kontro-eżami tar-rikorrenti Isabella Whitmore Mizzi, f’paġni 272a-272i).

żżewġet lill-ex-raġel tagħha, Salvatore d'Urso.[18] Fil-fehma tal-konvenuti, bir-rigali li qalgħet Isabella mill-*engagement parties* u mir-riċevimenti li organizzawlha u ħallsulha l-ġenituri tagħha, hija ma kellhiex bżonn tirċievi dota.[19]

18. Il-konvenuti jsemmu wkoll li Carmelo u Beatrice Mizzi offrew sapport materjali u finanzjarju lir-rikorrenti f'diversi stadji f'ħajjitha. Per eżempju, Carmelo u Alexander Mizzi (ħu r-rikorrenti) ħadu ħsieb tal-installazzjoni tas-servizzi tad-dawl u tal-ilma fil-*maisonette* li xtrat ir-rikorrenti, u dan mingħajr ma qatt ħadulha flus t'idejhom.[20] Hija sabet ukoll l-għajnuna tal-familja meta kienet qiegħda tgħix ma' Salvatore d'Urso ġewwa Sqallija, u dan kien spiċċa mingħajr xogħol. Omm Isabella għamlet minn kollox biex tgħinha peress li Isabella sabet ruħha f'pożizzjoni li ma kellhiex biżżejjed flus biex tgħix. Bgħatitilha mijiet ta' liri u kienet anke tibgħatilha xirjiet tal-ikel u prodotti oħra ma' nies li kienu ser ikunu ġewwa Sqallija. Spiċċat anke biegħet il-pjanu ta' Isabella biex ikollha iżjed minn fejn tgħinha.[21] Meta Isabella ġiet lura Malta ma' Salvatore, il-familja tagħha għenuha biex issib post irħis fejn toqgħod u biex issib xogħol għal Salvatore.

19. Il-konvenuti jikkontestaw l-allegazzjoni tar-rikorrenti, skont liem allegazzjoni li Isabella ma qalgħetx rigali mill-ġenituri. In sostenn ta' dan, jesebixxu 'post' li għamlet Isabella fuq il-midja soċjali (*Facebook*), fejn hi stess ammettiet li kienet qalgħet bħala rigal 'black and white pearl necklace' u 'black gloves with fur' mingħand ommha.[22]

---

[18] Għalkemm oħt ir-rikorrenti, Denise Chappelle, tammetti li l-ġenituri ħallsu wkoll għall-*engagement party* u r-riċeviment tat-tieġ tagħha, hija tgħid li l-każ tagħha ma kienx bħal ta' Isabella. Dan għaliex sakemm kienet għadha toqgħod hemm hija kienet tħallashom Lm 10 kull 15-il ġurnata; u kien minn dawn il-flus li l-ġenituri tagħha ħallsulha r-riċeviment (Ara l-affidavit tal-konvenuta Denise Chappelle, f'paġni 139-149).

[19] Ara l-affidavit tal-konvenuta Denise Chappelle, f'paġni 139-149; l-affidavit tal-konvenuta Joanna Calamatta, f'paġni 202-210; u l-affidavit tal-konvenut Alexander Mizzi, f'paġni 213-218.

[20] Dan ikkonfermatu r-rikorrenti meta ġiet mistoqsija in kontro-eżami. Hija qalet li għalkemm ma ħallsithomx ta' idejhom, hija ħallsithom tal-ispejjeż li nefqu (Ara l-kontro-eżami tar-rikorrenti Isabella Whitmore Mizzi, f'paġni 272a-272i).

[21] Meta ġiet mistoqsija in kontro-eżami, Isabella tgħid li l-unika darba li ommha bagħtitilha l-flus kienet meta kellha tmur Għawdex minn Sqallija u ommha bagħtitilha Lm 30 għall-vjaġġ. Għalkemm ma tiċħadx li ommha kienet tibgħatilha prodotti tal-ikel, tgħid li dan m'għamlitux għaliex Isabella ma kellhiex biex tgħix f'Sqallija iżda għaliex Isabella mhux dejjem kienet issib il-prodotti li riedet fi Sqallija (bħall-kafè *decaffeinated*) (Ara l-kontro-eżami tar-rikorrenti Isabella Whitmore Mizzi, f'paġni 272a-272i).

[22] Ara pubblikazzjonijiet tar-rikorrenti fuq il-medja soċjali (Facebook) f'paġni 153-163 u 211-212.

**Konflitt fil-familja**

*Verżjoni tar-rikorrenti*

20. Ir-rikorrenti tgħid li wara li żżewġet lil Barry Michael Whitmore, bdew jinqalgħu l-battibekki fil-familja – liem battibekki eventwalment wasslu biex ir-rikorrenti qatgħet il-kuntatt kollu mal-ġenituri u ma' ħutha.

21. Isabella tgħid li lil Barry missierha qatt ma kien iniżżlu. Dan minkejja li hi u Barry dejjem ġabu rispett kbir lill-ġenituri tagħha, u kienu ta' spiss jistiednuhom għall-ikel jew biex joħorġu magħhom. Minħabba t-tensjoni bejn missierha u Barry, ir-rikorrenti tgħid li l-familja ta' spiss kienu jeskluduha mill-ħruġ li kienu jorganizzaw bħala familja, inkluż l-ikla tal-Milied tal-2014 u l-ikla tal-Father's Day tal-2015.[23] Isabella kif ukoll Barry xehdu dwar il-btala li organizzaw ġewwa l-Amerika, liem btala amplifikat it-tensjoni bejnhom u bejn il-ġenituri tar-rikorrenti.[24]

22. Isabella tgħid li missierha sar bniedem aktar aggressiv u vjolenti wara l-1998. Hija tattribwixxi l-bidla fil-komportament tiegħu għat-trattament li kien jieħu għall-kondizzjoni tiegħu (magħrufa bħala *peripheral neuropathy*), konsistenti f'injections ta' *steroids* kull 28 ġurnata.[25]

23. Hija tikkontendi li kien inċident 'stupidu' fl-4 ta' Ottubru 2015, li wassal lill-ġenituri tagħha biex jaqtugħha mill-wirt. Hija tirrakkonta kif dakinhar ċemplitilha ommha u talbitha biex tiġbor il-*hairdresser* tagħha, Jane, u twassalha għand ommha għall-appuntament ta' xagħarha. Isabella hekk għamlet, u hekk kif wasslitha, ftiehmet m'ommha biex din iċċemplilha kif appena tkun lestiet minn xagħarha, sabiex Isabella terġa' tmur għand ommha u twassal lil Jane lura d-dar tagħha.

---

[23] Meta informat lil ħutha li Barry kien ser jattendi l-ikla tal-Father's Day fl-2015, dawn qalulha li kienet ser taqla' l-problemi ma missierha li kien aċċetta li jattendi biss jekk ma jkunx hemm Barry. Minħabba f'hekk hija spiċċat m'attendietx.

[24] Huma jirrakkontaw kif matul il-btala Carmelo kien ostili ħafna mat-tifel ta' Barry, u spiċċa anke refa' jdejh fuqu. Ir-rikorrenti tgħid li kinitx kuntenta bil-komportament ta' missierha, li ried il-ħin kollu jieqaf biex juża l-magni tal-ATM's u kien il-ħin kollu jordnalha biex tqabbdu ma' ħutha bit-telefon, li lil Isabella tellfilha l-gost tal-btala. Dan jiġi kkontestat mill-konvenuti li jgħidu li l-problemi li kellhom il-ġenituri tagħhom fl-Amerika kienu r-riżultat tal-fatt li Barry kien iħobb jiddetta kull ma' jagħmlu u kien ta' spiss jaħtaf lit-tifel tiegħu.

[25] Issemmi inċident partikolari li seħħ fis-7 ta' Lulju 2003, meta missierha kien għadu kif ħa dawn l-isteroids.

24. Fil-frattemp Isabella marret tipprova libsa. Ħabat li Isabella kienet kemxejn aljenata waqt li kienet qed tipprova l-libsa u ma semgħetx lil ommha ċċemplilha. Kif irrealizzat u ċemplet lura lil ommha, din kienet irrabjata ħafna magħha u dan wassal fi ġlieda kbira bejn it-tnejn. Isabella tgħid li din kienet l-aħħar darba li kellmet lil ommha, u li minħabba dan l-inċident, spiċċat iġġieldet ukoll ma' oħtha, Joanna Calamatta, u dana wara li Joanna ċemplitilha biex tkellimha dwar dak li kien ġara.

25. Isabella tgħid li s-sitwazzjoni baqgħet l-istess, minkejja l-attentat li għamlet zijitha, biex tirrikonċilja mal-ġenituri tagħha. Dwar dan, xehdet direttament zijitha, Mary De Felice, fl-affidavit tagħha.[26] Din tiddeskrivi l-okkażjoni li marret tiekol għand Carmelo u Beatrice Mizzi u tirrakkonta kif meta qajmet is-suġġett ta' Isabella, dawn informawha li ma riedux jafu iktar b'binthom u li dawn kienu 'birdu' minn Isabella. Mary De Felice tixhed kif ma setgħetx temmen kif dawn kienu qalu hekk dwar binthom, li kienet tant maħbuba minnhom.

26. Isabella tesprimi li meta l-ġenituri tagħha marru joqgħodu ġo dar tal-anzjani, hija ma ġietx informata minn ħutha jew mill-ġenituri tagħha, u saret taf biss minn kuġintha.[27] Meta saret taf, tgħid li qatt ma marret iżżur lil ommha, għaliex kienet semgħet miz-zijiet tagħha li ommha kienet qalet li jekk ir-rikorrenti tmur iżurha, ommha kienet ser tqum minn ġos-sodda, u toqtolha. Minkejja dan, tgħid li kienet diżappuntata li ħutha m'informawhiex bil-mewt t'ommha u ta' missierha u li minħabba f'hekk ma kellhiex l-opportunità li tattendi l-funeral tagħhom biex tagħtihom l-aħħar tislima.[28]

*Verżjoni tal-konvenuti*

27. Il-konvenuti jikkonfermaw li meta r-rikorrenti żżewġet lil Barry, dan ikkawża diviżjoni fil-familja peress li r-relazzjoni ta' bejn ir-raġel tar-rikorrenti u missierhom, qatt ma kienet waħda tajba.[29] Huma jgħidu li mill-ewwel darba li kien iltaqa' ma' Barry, Carmelo Mizzi ma kienx ħa grazzja ma' Barry, għaliex Barry kien diġà żżewweġ darbtejn oħra, kellu tlitt

---

[26] Ara l-affidavit taz-zija tar-rikorrenti, Mary De Felice, f'paġni 57B-60.

[27] Għalkemm ftit qabel ma' waqaf il-kuntatt tagħha mal-ġenituri, hija kienet issuġġeriet li dawn ibiegħu d-daru jmorru jgħixu ġo *home* tal-anzjani lussuża, dan il-parir ma laqgħux tajjeb missierha, li ħaseb li Isabella kienet qiegħda tissuġġerixxi hekk biss għaliex riedet sehemha mill-wirt.

[28] Il-konvenuti jgħidu lir-rikorrenti ma setgħux jaġġornawha fuq il-ġenituri tagħhom għaliex kienet blokkjathom minn fuq il-medja soċjali u kienet esprimiet fuq Facebook li jekk iċemplu l-membri familjari tagħha, hija ma kinitx ser tweġibhom. Biss però l-mewt tal-ġenituri tagħhom ixxandar fuq kull mezz ta' komunikazzjoni jiġifieri Isabella ma kellhiex skuża biex ma tattendix il-funeral.

[29] Ara l-affidavit tal-konvenuta Denise Chappelle, f'paġni 139-149; l-affidavit tal-konvenuta Joanna Calamatta, f'paġni 202-210; u l-affidavit tal-konvenut Alexander Mizzi, f'paġni 213-218.

itfal min-nisa differenti u kien jiftaħar li l-ex-nisa tiegħu u tnejn mit-tlitt itfal tiegħu ma kienux ikellmuh. Huma jikkontendu li r-relazzjoni ta' bejniethom qatt ma tjiebet għaliex Barry qatt ma ġab rispett lil missierhom.[30] Apparti minn hekk, Carmelo kien tal-fehma li Barry kien moħħu biss fil-flus.[31]

28. B'riżultat tad-disgwid bejn Barry u Carmelo, missier il-kontendenti ma kienx ikun irid lil Barry jattendi dak li kienu jorganizzaw bħala familja. Iżda ma kienx għalhekk biss li r-rikorrenti aljenat ruħha minn mal-familja; huma jgħidu li kien hemm fatturi oħra li wasslu għal dan. L-ewwel nett, il-ġenituri tagħha ma kienux japprovaw mill-imġieba ta' Isabella, li skont il-konvenuti, kien ta' spiss ikollha relazzjonijiet adulterużi. Il-ġenituri tagħha kienu jemmnu li binthom kienet tmur tarahom biss biex ikollha skuża tmur tiltaqa' ma raġel ieħor, mingħajr ma tqajjem is-suspett tar-raġel tagħha.

29. Il-konvenuti jgħidu wkoll li l-affarijiet ħadu żvolta għall-agħar meta r-rikorrenti għażlet li tagħmel dikjarazzjonijiet foloz jew dispreġġjattivi pubblikament dwarhom.[32] Huma jsemmu kif darba minnhom Isabella ġiet mistiedna biex titkellem fuq il-programm ta' Simone Cini, 'Ieqaf 20 Minuta', u meta kienet fuq dan il-programm, Isabella qalet li ma kellhiex għajnuna mill-familja tagħha meta kienet mardet bil-Hodgkin's – li ma kien veru xejn.[33] Huma jsemmu wkoll kif ftit wara l-għlieda li kellha ma' ommha minħabba Jane l-hairdresser, ir-rikorrenti tellgħet ritratt tagħha fuq *Facebook* fejn qiegħda taħraq ritratt ta' oħtha Joanna.[34] Joanna Calamatta rrappurtatha lill-Pulizija, u Isabella tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Sede Kriminali), li ġiegħlet lil Isabella twiegħed li ma kinitx ser tivvessa, timmolestja jew iddejjaq lil Joanna.

30. Il-konvenuti ma jikkontestawx li Mary De Felice u binthom, Lilyen, marru jżuru lill-ġenituri tagħhom. Però Denise Chappelle u Joanna Calamatta, li kienu għand il-ġenituri

[30] Per eżempju meta ġieli stieden lil missier Isabella għall-ikel, dan kien joqgħod jiżżuffjetta b'missierha, li kellu kondizzjoni fin-nervituri ta' ġismu u minħabba f'hekk kien ta' spiss ifarrak u jwaqqa' l-ikel mal-art.
[31] Dan għaliex meta Barry mar għand il-ġenituri ta' Isabella, dan kien dar fuq Isabella u qalilha "look how much we shall inherit".
[32] Il-konvenuti jsemmu kif wara l-mewt tal-ġenituri tagħhom kienu qed inaddfu d-dar u sabu diversi dokumenti rigward Isabella fil-files ta' missierha. Fosthom kien hemm posts li għamlet Isabella fuq Facebook fejn qalet li ommha kienet supperva. Kien hemm ukoll ittra li bagħtet Isabella fl-10 ta' Ottubru 2016 lill-ġenituri tagħha, fejn tkellmet kontra ħutha u esprimiet ir-rabja tagħha dwar il-kontenut tat-testment il-ġdid li għamlu.
[33] Meta Denise Chappelle ċemplitilha biex tesprimi x-xokk tagħha dwar dak li kienet qalet Isabella fuq dan il-programm, Isabella marret tikteb fuq Facebook; "some members would like a mention because they held my head while I was retching. There you have my praise." (Ara l-affidavit tal-konvenuta Denise Chappelle, f'paġni 139-149).
[34] Ara pubblikazzjonijiet tar-rikorrenti fuq il-medja soċjali (Facebook) f'paġni 153-163 u 211-212.

tagħhom dakinhar, jgħidu li kliem il-ġenituri tagħhom kien kemxejn differenti.[35] Skonthom, il-ġenituri tagħhom qalu biss li jekk Isabella riedet tirrikonċilja magħhom, hija kellha l-ewwel tagħmel paċi ma' ħutha. Skont il-konvenuti, Isabella dan m'għamlitux. Infatti la qatt marret iżżur l-ommha ġewwa l-*home* u lanqas qatt m'offriet li tgħin lill-ġenituri tagħha fl-aħħar ta' ħajjithom. Kienu biss il-konvenuti li kienu hemm għalihom, kienu jżuruhom kuljum u jagħmlu minn kollox biex il-ġenituri tagħha jkunu komdi. Fil-frattemp, Isabella kienet tqatta' l-ħin tagħha ssiefer u tiddeverti – u dana jafuh għaliex ir-rikorrenti kienet titfa' dan kollu fuq il-midja soċjali.

**Raġunijiet għall-limitazzjoni fit-testment għas-sehem riżervat**

*Verżjoni tar-rikorrenti*

31. Ir-rikorrenti ssemmi r-raġunijiet li, fil-fehma tagħha, wasslu sabiex il-ġenituri tagħha qatgħuha mill-wirt. Skontha, il-ġenituri tagħha ma biddlux it-testment tagħhom minħabba d-donazzjonijiet ta' flus li huma jgħidu li r-rikorrenti irċeviet mingħandhom. Li kieku dan kien minnu, ma kienx ikollhom bżonn jistennew sal-2016 biex jibdlu t-testment. Hija tgħid li kienet il-ġlieda ta' Jane l-*hairdresser* li wasslet biex dawn jaqtgħu l-kuntatt minn magħha. Ir-rikorrenti temmen ukoll li l-fakultajiet mentali ta' missierha kienu qiegħdin jiddeterjoraw ferm qabel it-testment tal-2016. Fil-fehma tagħha, missierha kien ilu jbati mid-dimenzja mill-1996 u minkejja li huwa ġie ċċertifikat li kien f'qagħda mentali biex jagħmel testment, l-instabbilità mentali tiegħu setgħet kkontribwixxiet għad-deċiżjoni stramba li ħa meta ddeċieda li jaqta' lir-rikorrenti mill-wirt.

32. Fl-aħħar hija tgħid li kienet il-pressjoni mingħand ħutha li wasslet lill-ġenituri tagħha jbiddlu t-testment. Hija tgħid li l-esklużjoni tagħha mill-wirt tal-ġenituri tagħha:

> "ma kien xejn għajr pressjoni ta' ħuti minħabba għira kbira, u li ma jimmeritax li jien nieħu l-porzjoni riżervata peress li ma huwiex minnhu li jien irċevejt xi donazzjoni, la konsistenti fi flus u wisq anqas f'oġġetti oħra., jien mhux talli ma rċevejt xejn mingħand ommhi u missieri matul ħajti, iżda talli jien dejjem tajt minn qalbi, u wasalt fejn wasalt illum kollhu għall-ħila u għaqal tiegħu, u għalhekk jimmerita li jien nitqies eredi daqs ħuti l-oħra u nieħu sehem ugwali bħalhom."

[35] Ara l-affidavit tal-konvenuta Denise Chappelle, f'paġni 139-149; u tal-konvenuta Joanna Calamatta, f'paġni 202-210.

*Verżjoni tal-konvenuti*

33. Għalkemm ma jgħidu xejn fuq il-pressjoni li r-rikorrenti tallega li dawn poġġew fuq il-ġenituri tagħhom, il-konvenuti jsostnu li l-ġenituri tagħhom ta' spiss kienu jgħidulhom, b'riferenza għal Isabella, li "dik ħadet f'ħajjitha."[36]

34. Denise Chappelle, fl-affidavit tagħha, tiċħad li missierha kien ibati mid-dimenzja fl-1998 u tgħid li l-fakultajiet mentali tiegħu kienu għadhom tajbin sal-2016. Hija tgħid li missierha kien orjentat, alert u aġġornat mal-ġrajjiet kurrenti lokali u barranin. Infatti, fl-4 ta' Jannar 2015 infatti huwa rebaħ kompetizzjoni tal-*crossword puzzles* fuq is-Sunday Times,[37] mentri fl-2016, huwa beda l-proċess biex japplika għal *patent* għal invenzjoni tiegħu. Fid-9 ta' Novembru 2017, jiġifieri wara li sar it-testment, huwa ġie ċċertifikat li kellu *sensory skills, perceptual skills* u *cognitive skills* tajbin, mill-*occupational therapist*.[38] Dan kollu juri li meta ġie ppubblikat it-testment, Carmelo Mizzi kien *compos mentis*.

**Analiżi legali**

35. Kif ingħad fir-rikors ġuramentat tagħha, ir-rikorrenti titlob lill-qorti tordna n-nullità tat-testment ta' missierha Carmelo Mizzi, cioè dak ippubblikat min-Nutar Claire Camilleri tad-19 ta' Lulju 2016 – u dana "għal raġunijiet varji hekk kif ser jiġi pprovat fil-mori tal-kawża stante li l-mejjet u martu ma taw l-ebda flus jew oġġetti lil attriċi."[39]

36. In risposta, il-konvenuti jgħidu li Carmelo Mizzi kien fil-libertà li jiddisponi b'ġidu kif xtaq hu, sakemm ma jippreġudikax id-dritt tar-rikorrenti li tirċievi l-porzjon dovut lilha mis-sehem riżervat. Ma kienx hemm bżonn li t-testatur jesprimi r-raġuni jew raġunijiet li wassluh għad-deċiżjoni tiegħu. B'hekk u fin-nuqqas ta' bażi oħra li tiġġustifika l-kontestazzjoni tat-testment – bħal per eżempju, li ma ġewx imħarsa l-formalitajiet meħtieġa, jew li kien hemm vizzju fil-kunsens, jew inkapaċità – m'hemm l-ebda raġuni

[36] Ara l-affidavit tal-konvenuta Denise Chappelle, f'paġni 139-149; l-affidavit tal-konvenuta Joanna Calamatta, f'paġni 202-210; u l-affidavit tal-konvenut Alexander Mizzi, f'paġni 213-218.
[37] Ara l-estratt mill-gazzetta 'The Sunday Times of Malta' fl-4 ta' Jannar 2015, f'paġna 152.
[38] Ara l-*occupational therapy assessment report* ta' Carmelo sive Charles Mizzi, f'paġni 150-151.
[39] Fl-affidavit tar-rikorrenti, hija tallega li missierha kien afflitt minn inkapaċita mentali b-riżultat tad-dementia, li hija tgħid kienet ilha taħkmu minn 1998, u li setgħet fixklet u alterat il-kapaċitajiet mentali tiegħu. Hija tallega wkoll li r-rieda ta' missierha meta għamel dan it-testment setgħet kienet suġġetta għall-pressjoni li poġġew fuqu l-konvenuti u mhux ir-riżultat tar-rieda ħielsa tiegħu. Peress li r-rikors ġuramentat u n-nota ta' sottomissjonijiet tagħha jikkonċernaw speċifikament il-premessa li r-raġuni mogħtija mit-testatur fit-testment tiegħu hija falza, il-qorti m'hijiex ser tevalwa dawn l-allegazzjonijiet.

għalfejn il-qorti għandha tilqa' t-talba tar-rikorrenti biex twaqqa' t-testment, jew xi dispożizzjoni fih.

37. F'dan ir-rigward, il-qorti taqbel mal-konvenuti li t-testatur ma kellux għalfejn jispjega r-raġunijiet li wassluh biex, lir-rikorrenti, jħallilha biss l-inqas li seta' jħallilha bil-liġi. Dan kien ikun meħtieġ biss li kieku huwa ried iċaħħadha mill-jedd tagħha għas-sehem riżervat – f'liem każ kien ikun kostrett jispjega r-raġuni għalfejn ir-rikorrenti kienet timmerita hekk, skont l-artikolu 623 tal-Kap. 16.

38. Però, għalkemm huwa veru li Carmelo Mizzi ma kienx obbligat li jgħid x'wasslu għad-deċiżjoni tiegħu, meta huwa għażel li jagħmel dan xorta waħda, ġiet skattata l-applikabbilità tal-artikolu 685 tal-Kap. 16, li jiddisponi hekk:-

> (1) Kull dispożizzjoni ta' testment ibbażata fuq raġuni li waħidha tkun ġiegħlet lit-testatur jagħmilha, u li tkun falza, m'għandha ebda effett.
> (2) Jekk it-testatur isemmi raġuni, iżda ma jkunx jidher mit-testment li dik ir-raġuni kienet hija waħidha li ġegħlitu, id-dispożizzjoni tat-testment, ukoll jekk dik ir-raġuni tinsab falza, għandha effett, kemm-il darba ma jiġix ippruvat illi t-testatur kien imġiegħel biss mir-raġuni.

39. Mill-qari ta' dan l-artikolu, jista' jiġi dedott li sabiex id-dispożizzjoni testamentarja rilevanti titqies li m'għandha l-ebda effett, ir-rikorrenti hija meħtieġa tipprova żewġ affarijiet. Fl-ewwel lok, trid tipprova li r-raġuni li pprovda missierha fit-testment tiegħu kienet waħda falza. Fit-tieni lok trid tipprova li missierha wasal biex jagħmel dik id-dispożizzjoni testamentarja esklussivament minħabba dik ir-raġuni.

*(a) Raġuni falza*

40. Qabel xejn għandu jiġi mfakkar li skont il-ġurisprudenza u d-dottrina, talba għat-tħassir ta' testment (jew, f'dan il-każ, dispożizzjoni testamentarja) m'għandhiex tintlaqa' ħlief meta r-raġuni għall-impunjazzjoni tirriżulta b'mod ċert, minn fatti preċiżi u univoċi.[40] Ix-xewqa tat-testatur rigward kif jixtieq li jiddevolvi l-patrimonju tiegħu wara mewtu għandha titħares kemm jista' jkun u l-impunjazzjoni tat-testment (jew ta' dispożizzjoni testamentarja) m'għandhiex tkun ir-regola iżda l-eċċezzjoni.

[40] *Margaret Rossignaud et vs Myriam Pellegrini et*, Qorti tal-Appell, deċiża 28 ta' Ġunju 2018.

41. F'dan il-każ il-qorti ma tqisx li ġie pożittivament eskluż li, matul ħajjet Carmelo Mizzi, huwa għamel donazzjonijiet lir-rikorrenti.

42. Ir-referenza, fit-testment ta' Carmelo Mizzi, għal donazzjonijiet ta' flus hija a vaga u ma tagħmel ebda referenza għad-donazzjonijiet speċifiċi li t-testatur kien qed jagħmel aċċenn għalihom. Dawn setgħu saru tul ħajjet ir-rikorrenti, sakemm miet, u għalhekk huwa diffiċli li wieħed jikkonkludi jekk id-donazzjonijiet sarux jew le. B'mod partikolari, l-istatements bankarji tas-sur Mizzi, li jmorru lura sal- 2016, is-sena meta għamel it-testment, ma jipprovaw xejn.

43. B'danakollu, il-qorti hija tal-fehma li r-rikorrenti probabbilment ngħatat flus mingħand it-testatur, u mingħand martu, matul ħajjitha. F'dan ir-rigward, il-qorti ssib li l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti huma inqas konvinċenti minn dawk tal-konvenuti, u dan għaliex kien hemm numru ta' ineżattezzi u kontradizzjonijiet fix-xhieda tar-rikorrenti. Per eżempju, għalkemm fl-affidavit tagħha hija tgħid li qatt ma qalgħet rigal tat-tieġ mill-ġenituri tagħha meta żżewġet lil Salvatore d'Urso,[41] fil-kontro-eżami tagħha, hija ssemmi li dawn kienu tawha rigal.[42] Filwaqt li fl-affidavit tgħid li l-*engagement parties* għamlithom hi minn butha, hija imbagħad tgħid li għamlulha *party* għall-*engagements* fil-kontro-eżami tagħha. Filwaqt li fl-affidavit tgħid li ma kinitx taqla' rigali mill-ġenituri, jew għall-inqas ma kinitx taqla' rigali ta' ċertu valur, hija imbagħad ammettiet, fuq post li għamlet fuq il-midja soċjali, li kienet qalgħet mingħandhom ġiżirana tal-perli kif ukoll ingwanti tal-*fur*.

44. Meqjus dan kollu, il-qorti tqis li l-allegazzjonijiet tal-konvenuti li r-rikorrenti irċeviet flus mingħand il-ġenituri meta kienet marida u meta kienet tgħix Sqallija aktar attendibbli minn dawk tar-rikorrenti li ċaħdet dan kollu. Matul il-kontro-eżami tagħha hija ssemmi li kienet tkeċċiet mix-xogħol meta kienet marida, u huwa għalhekk inverosimili li waqt li kienet marida, setgħet tagħmel xogħol ta' fotografija, u li b'dan biss kienet ser tgħajjex lilha nnifisha għal daqstant żmien. Bl-istess mod, jidher li meta kienet Sqallija kienet ilha ftit li waqfet taħdem, u ma jirriżultax li waqt li kienet hemm kellha xi introjtu. B'hekk meta r-raġel tagħha tilef ix-xogħol, huwa aktar probabbli li hija sabet l-għajnuna finanzjarja tal-ġenituri tagħha f'dan iż-żmien. Infatti hija stess tammetti, in kontro-eżami, li kienet tirċievi

[41] Ara l-affidavit tar-rikorrenti Isabella Whitmore Mizzi, f'paġni 28-49.
[42] Ara l-kontro-eżami tar-rikorrenti Isabella Whitmore Mizzi, f'paġni 272a-272i.

l-ikel mingħand ommha waqt li kienet Sqallija għaliex kienet dahrha mal-ħajt.[43] Apparti minn hekk, hija tammetti fil-kontro-eżami tagħha li rċeviet Lm 30 waqt li kienet Sqallija.

45. Għal dawn ir-raġunijiet, il-qorti hija tal-fehma li ma jistax jiġi eskluż li saru xi donazzjonijiet tal-flus lir-rikorrenti.

*(b) Raġunijiet oħra għad-dispożizzjoni testamentarji*

46. Iktar importanti minn hekk, hu ċar li din ma kinitx l-unika raġuni li wasslet sabiex it-testatur jagħti lir-rikorrenti l-inqas li seta' jħalliha skont il-liġi. Infatti dan jiġi ammess mir-rikorrenti fl-affidavit tagħha, u ssemmi r-raġunijiet għalfejn, fil-fehma tagħha, il-ġenituri qatgħuha mill-wirt:[44]

> B' referenza għat-testment tas-sena elfejn u sittax (2016) il-ġenituri tiegħi biddlu t-testment. Din kienet ovvja minħabba u wara d-dizgwida tal-hairdresser. [Omissis]
> Illi missieri kien ilu ibati bid-dementia ħafna qabel is-sena elfejn u sittax (2016), sa mis-sena elf disa' mija tmienja u disgħin (1998). Nħoss li l-ġenituri tiegħi kienu mġiegħla li ibiddlu it-testament minn ħuti. Nimmaġinhom igħidulhom li jien ma kellix bżonn flus u li huma biss kienu qegħdin jieħdu ħsiebhom u li jekk lili ma ineħħunix mil-wirt ma kienux ser ikomplu iieħdu ħsiebhom. [Omissis]
> Iktar nistqarr li l-favuritizmu kien mal-aħwa u mhux miegħi, speċjalment dawk li għandhom in-neputijiet. [Omissis]
> Dan huwa mod sordid biex missieri jaqta' lili u jikkastigani għax ir-raġel tiegħi kien negozjant tajjeb u huwa fjorixxa u investa fi propjetà fl-Ingilterra, Franza, u Malta Dan kollu qabel ma ltqajna flimkien fl- 1993. Jekk, kif iddikjaraw fit-testment, huma tawni flus matul ħajti, għaliex ma biddlux it-testment qabel Ottubru 2015? Dan fih innifsu juri li l-ġenituri tiegħi ppruvaw isibu mezz biex joħorġuni minn sehmi fit-testment.

47. Min-naħa l-oħra, il-konvenuti jsemmu fatturi oħra li setgħu wasslu għall-aljenazzjoni tar-rikorrenti minn mal-ġenituri tagħha: il-karattru u l-komportament ta' Barry, l-affarijiet li qalet ir-rikorrenti dwar il-familja tagħha b'mod pubbliku, l-imġieba tar-rikorrenti li (skont il-konvenuti) kienet tmur kontra l-prinċipji li kienu jħaddnu l-ġenituri tagħhom, it-tilwim u d-disgwid familjari, kif ukoll il-fatt li matul l-aħħar ta' ħajjithom hija ma daritx bil-ġenituri u qatgħet kuntatt magħhom.

48. Għal dawn ir-raġunijiet, il-qorti hi tal-fehma li anke kieku ma kienx veru li t-testatur għamel donazzjonijiet ta' flus lir-rikorrenti matul ħajtu, dan ma kienx ser ibiddel il-mod kif

---

[43] Wara li ġiet affrontata mill-abbli difensur tal-konvenuti, hija biddlet l-istorja u qalet li dan kien biss għaliex ma kinitx issib ċertu prodotti ġewwa Sqallija. Biss però l-qorti tqis li huwa inverosimili li hija ma kinitx issib prodotti bħal zokkor u kafè ġo Sqallija.
[44] Ara l-affidavit tar-rikorrenti Isabella Whitmore Mizzi, f'paġni 28-49.

idderieġa t-testment u l-mod kif għażel li jiddisponi mill-assi tiegħu wara mewtu. Dan għaliex fl-isfond taċ-ċirkostanzi, joħroġ ċar li kien hemm raġuni jew raġunijiet oħra għalfejn it-testatur iddeċieda li lir-rikorrenti ma jittrattahiex bħal ħutha. X'kienet din ir-raġuni jew x'kienu dawn ir-raġunijiet, u jekk kienitx ġustifikata jew kienux ġustifikati, m'humiex kwistjonijiet il-qorti għandha bżonn tieħu veduta dwarlhom. Hu biżżejjed li ta' l-anqas waħda minnhom kienet teżisti; u l-qorti ssib li probabbilment hekk kien. Għalhekk ma ssibx raġuni biex tħassar id-dispożizzjoni testatamentarja li minnha tilment r-rikorrenti.

**Likwidazzjoni tas-sehem riżervat**

49. Ngħaddu issa għat-talba sussidjarja tar-rikorrenti u cioè t-talba biex din il-qorti tillikwida il-porzjon tas-sehem riżervat li jmiss lir-rikorrenti mill-assi ta' Carmelo *sive* Charles Mizzi u martu Beatrice *sive* Bice Mizzi, u biex tikkundanna lill-konvenuti biex iħallsu it-tali ammonti likwidati, kif ukoll l-imgħaxijiet dovuti.[45]

50. Id-dritt għall-porzjon riżervat huwa kreditu kontra l-eredità (artikolu 615(2) tal-Kap. 16) u jinħadem fuq il-wirt kollu magħdud dak li t-testatur ikun ta b'donazzjoni matul ħajtu (ukoll bi ħsieb ta' żwieġ), wara li jitnaqqsu d-djun, l-ispejjeż tal-funeral u dak il-ġid kollazzjonabbli li l-persuna li għandha tieħu s-sehem riservat tkun ħadet mingħand it-testatur.[46] Ir-rigali u l-legati li l-mejjet ikun għamel a favur ta' kwalunkwe persuna għandhom jiġu mdaħħla fir-rijunjoni tal-patrimonju tiegħu biex jiġi kkalkulat is-sehem riservat . Però dak il-legat jew dik id-donazzjoni għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni biss għall-fini tal-kalkolu tas-sehem riservat, u jkun hemm lok għar-riduzzjoni tagħhom biss fil-każ li din tiġi leża.[47]

51. Meta t-tfal ma jkunux iżjed minn erba' fl-għadd, is-sehem riżervat li jmiss lit-tfal kollha, għandu jkun ta' terz tal-valur tal-beni (artikolu 616(1)). Is-sehem riżervat jinqasam f'ishma ndaqs bejn it-tfal li jmisshom minnu (artikolu 616(2)), inkluż id-dixxendenti li ġew nominati bħala eredi; li huma wkoll intitolati għas-sehem rispettiv tagħhom mis-sehem riżervat (l-artikolu 618(3)).

---

[45] Il-konvenuti eċċepew li m'għandhom l-ebda oġġezzjoni għar-rikorrenti sabiex tirċievi sehemha mis-sehem riżervat, wara li tkun saret valutazzjoni tal-assi ta' Carmelo u Beatrice Mizzi, u wara li jkunu ġew imnaqqsa d-djun u spejjeż li ntefqu.
[46] *Angelo Zerafa et vs Michelina Azzopardi*, Qorti tal-Appell, deċiża 27 ta' Marzu 2020.
[47] *Joseph Vella vs Anthony Bezzina et*, Qorti tal-Appell, deċiża 20 ta' Novembru 1998.

52. Mas-sehem riżervat, għandhom jiġu miżjuda imgħaxijiet bir-rata stabbilita fl-artikolu 1139 tal-Kap. 16. Dawn għandhom jibdew japplikaw mid-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni jekk is-sehem riżervat jintalab fi żmien sentejn mid-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni. Fin-nuqqas, cioè f'każ li t-talba ssir wara li jkunu għaddew sentejn, l-imgħax jibda jiddekorri mid-data tan-notifika tal-att ġudizzjarju (l-artikolu 615(2)). Il-qorti tista' tiddeċiedi li ma jiġux miżjuda imgħaxijiet jew inkella li l-imgħax ikun inqas minn dik stipulat fl-artikolu 1139 tal-Kap. 16 – u dana "fejn iċ-ċirkostanzi tal-każ hekk jeħtieġu."

**Assi ereditarji ta' Beatrice *sive* Bice Mizzi**

53. Nibdew bl-assi ereditarji ta' Beatrice *sive* Bice Mizzi li, mad-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni, u cioè mid-data tal-mewt tagħha fit-22 ta' Ottubru 2017, kienu jikkonsistu fis-segwenti:-

*Immobbli*

54. Beatrice *sive* Bice Mizzi kellha n-nofs indiviż (1/2) tad-dar b'numru disgħa (9), Triq il-Gladjoli, San Ġwann. Il-qorti qiegħda tqis li fit-22 ta' Ottubru 2017, il-valur tad-dar kien ta' €400,000 u dana skont ir-rapport peritali tal-Perit Fortunato Said datat l-4 ta' Diċembru 2018[48] – liema rapport huwa l-iktar viċin tad-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni.

55. B'hekk is-sehem ta' nofs indiviż (1/2) ta' Beatrice sive Bice Micallef jammonta għal €200,000.

*Flus il-bank u investimenti*

56. Skont ix-xhieda tar-rappreżentanti tal-banek BOV p.l.c., HSBC Bank Malta p.l.c., u l-APS Bank fis-seduta tal-5 ta' Mejju 2021, fil-komunjoni tal-akkwisti ta' Beatrice sive Bice Mizzi u Carmelo sive Charles Mizzi hemm tliet kontijiet bankarji.[49] Fin-nuqqas ta' prova xorta oħra, il-qorti qiegħda tassumi li l-kontijiet kollha jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn Charles u Bice Mizzi. Dawn il-kontijiet huma:-

---

[48] Ara r-rapport peritali tal-perit Fortunato Said tal-4 ta' Diċembru 2018 f'paġna 164.

[49] Ara x-xhieda ta' Charmaine Psaila Ragi għan-nom tal-APS Bank p.l.c.; Lorraine Attard għan-nom tal-HSBC Bank Malta p.l.c.; u Joanna Bartolo għan-nom ta' Bank of Valletta p.l.c. fis-seduta tal-5 ta' Mejju 2021 f'paġni 63A-63E, flimkien mad-dokumenti ppreżentati f'paġni 64-136.

a. Kont mal-Bank of Valletta Plc bin-numru 40010876462 f'isem Beatrice sive Bice Mizzi, li fit-22 ta' Ottubru 2017 kellu €6,021.71.[50]

b. Kont mal-Bank of Valletta Plc bin-numru 40010876433 f'isem Charles Mizzi, li fit-22 ta' Ottubru 2017 kellu €13,921.88.[51]

c. Kont mal-bank Bank of Valletta plc bin-numru 16700068022 f'isem Charles u Bice Mizzi, li fit-22 ta' Ottubru 2017 kellu €3.57.[52]

57. L-ammont totali huwa ta' €19,947.16, b'dan illi s-sehem ta' Beatrice sive Bice Mizzi huwa dak ta' nofs indiviż (1/2) għas-somma ta' €9,973.58.

*Flus oħra*

58. Fl-affidavit tar-rikorrenti, hija ssemmi li fid-dar residenzjali tal-ġenituri tagħha kien hemm xi flus kuntanti iżda fin-nuqqas tal-ebda indikazzjoni dwar l-ammont ta' flus kuntanti li kien hemm, il-qorti ma tistax tieħu konjizzjoni tal-istess.[53]

*Dejn u kollazzjoni*

59. Ma ġewx ippreżentati provi mill-konvenuti rigward djun u piżijiet li setgħu tħallsu għan-nom ta' ommhom, Beatrice *sive* Bice Mizzi.

60. Fit-tielet artikolu tat-testment ta' Beatrice sive Bice Mizzi, hija eżentat lill-uliedha mill-obbligu ta' kollazzjoni u imputazzjoni fl-assi ereditarji tagħha, ta' dak kollu li setgħet tathom tul ħajjithom taħt kwalunkwe titolu u fi kwalunkwe okkażjoni. Dan ifisser li biex naraw is-sehem dovut lir-rikorrenti, ma hemmx lok li jitnaqqsu d-donazzjonijiet li jidher li saru lilha (anki jekk mhux kwantifikati) tul ħajjet Beatrice.

**Kalkolu**

| | |
|---|---|
| Immobbli | €200,000 |
| Flus | €9,973.58 |

[50] Ara l-istatement tal-Bank of Valletta P.l.c. f'isem Bice Mizzi, f'paġni 82-83.
[51] Ara l-istatement bankarju tal-Bank of Valletta P.l.c. f'isem Charles Mizzi, f'paġni 84-104.
[52] Ara l-istatement bankarju tal-Bank of Valletta P.l.c. f'isem Charles u Bice Mizzi, f'paġni 105-108.
[53] Ara l-affidavit tar-rikorrenti Isabella Whitmore Mizzi, f'paġni 28-49.

| | |
|---|---|
| **Total** | **€209,973.58** |

61. Peress li Beatrice sive Bice Mizzi kellha erbat itfal, il-porzjon riżervat jammonta għal terz (1/3) tal-valur tal-beni kollha u dana skont l-artikolu 616 tal-Kap. 16. Ir-rikorrenti jmissha s-sehem ta' kwart (1/4) minn dan (u cioè 1/4 x 1/3 = 1/12).

62. 1/12 ta' €209,973.58 = **€17,497.80.**

*Imgħax*

63. L-ewwel interpellazzjoni għall-ħlas tal-porzjon riżervat saret mir-rikorrenti permezz tal-ittra uffiċjali tal-20 ta' Awwissu 2019, u għalhekk fi żmien sentejn mid-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni (cioè 22 ta' Ottubru 2017). B'hekk, u għaliex ma nġiebitx prova jew raġuni għaliex m'għandux jkun hekk, għandu jsir il-ħlas ta' imgħax skont ir-rata stabbilita fl-artikolu 1139 tal-Kap. 16, mid-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni (22 ta' Ottubru 2017) sal-ġurnata tal-pagament effettiv.

**Assi ereditarji ta' Carmelo *sive* Charles Mizzi**

64. Fid-data tal-mewt tiegħu cioè fis-16 ta' Jannar 2019, Carmelo sive Charles Mizzi kellu s-segwenti assi:-

*Immobbli*

65. Carmelo sive Charles Mizzi kellu n-nofs indiviż (1/2) tad-dar bin-numru 9, Triq il-Gladjoli, San Ġwann. Il-qorti qiegħda tqis li fid-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni tiegħu, il-valur tad-dar kien ta' €450,000 u dana skont ir-rapport peritali tal-Perit Michael Lanfranco.[54]

66. B'hekk is-sehem ta' nofs indiviż (1/2) ta' Carmelo sive Charles Micallef jammonta għal €225,000.

[54] Ara r-rapport peritali tal-Perit Michael Lanfranco tas-26 ta' April 2024, f'paġni 319a-319p.

*Flus il-bank u investimenti*

67. Skont ix-xhieda tar-rappreżentanti tal-banek BOV p.l.c., HSBC Bank Malta p.l.c., u l-APS Bank fis-seduta tal-5 ta' Mejju 2021, fil-komunjoni tal-akkwisti ta' Beatrice sive Bice Mizzi u Carmelo sive Charles Mizzi hemm it-tliet kontijiet segwenti:-[55]
    a. Kont mal-Bank of Valletta plc bin-numru 40010876462 f'isem Beatrice sive Bice Mizzi, li fis-16 ta' Jannar 2019, kien fih €1,772.07.[56]
    b. Kont mal-Bank of Valletta plc bin-numru 40010876433 f'isem Charles Mizzi, li fis-16 ta' Jannar 2019 kellu €21,355.29.[57]
    c. Kont mal-Bank of Valletta plc bin-numru 16700068022 f'isem Charles u Bice Mizzi, li fis-16 ta' Jannar 2019 kellu €3.57.[58]

68. L-ammont totali huwa ta' €23,130.93, b'dan illi s-sehem ta' Charles sive Carmelo Mizzi huwa dak ta' nofs indiviż (1/2) għas-somma ta' €11,565.47.

*Flus oħra*

69. Fl-affidavit tar-rikorrenti, hija ssemmi li fid-dar residenzjali tal-ġenituri tagħha kien hemm xi flus kuntanti iżda fin-nuqqas tal-ebda indikazzjoni dwar l-ammont ta' flus kuntanti li kien hemm, il-qorti ma tistax tieħu konjizzjoni tal-istess.[59]

*Dejn u kollazzjoni*

70. Mill-kontijiet bankarji ppreżentati jirriżulta li sar il-ħlas ta' €1,695.39 għall-funeral tad-decuius. Ma ġewx indikati xi djun oħra mill-konvenuti.

71. Fit-tielet artikolu tat-testment ta' Carmelo sive Charles Mizzi, huwa eżenta lill-uliedu mill-obbligu ta' kollazzjoni u imputazzjoni fl-assi ereditarji tiegħu, ta' dak kollu li seta' tahom tul ħajjithom taħt kwalunkwe titolu u fi kwalunkwe okkażjoni. Dan ifisser li biex naraw is-

[55] Ara x-xhieda ta' Charmaine Psaila Ragi għan-nom tal-APS Bank p.l.c.; Lorraine Attard għan-nom tal-HSBC Bank Malta p.l.c.; u Joanna Bartolo għan-nom ta' Bank of Valletta p.l.c. fis-seduta tal-5 ta' Mejju 2021 f'paġni 63A-63E, flimkien mad-dokumenti ppreżentati f'paġni 64-136.
[56] Ara l-istatement tal-Bank of Valletta p.l.c. f'isem Bice Mizzi, f'paġni 82-83.
[57] Ara l-istatement bankarju tal-Bank of Valletta p.l.c. f'isem Charles Mizzi, f'paġni 84-104.
[58] Ara l-istatement bankarju tal-Bank of Valletta p.l.c. f'isem Charles u Bice Mizzi, f'paġni 105-108.
[59] Ara l-affidavit tar-rikorrenti Isabella Whitmore Mizzi, f'paġni 28-49.

sehem dovut lir-rikorrenti, ma hemmx lok li jitnaqqsu d-donazzjonijiet li jidher li saru lilha (anki jekk mhux kwantifikati) tul ħajjet Carmelo.

**Kalkolu**

| | |
|---|---|
| Immobbli | €225,000 |
| Flus | €11,565.47 |
| - | €1,695.39 |
| | **€234,870.08** |

72. Peress li Carmelo sive Charles Mizzi kellu erbat itfal, il-porzjon riżervat jammonta għal terz (1/3) tal-valur tal-beni kollha u dana skont l-artikolu 616 tal-Kap. 16. Ir-rikorrenti jmissha s-sehem ta' kwart (1/4) minn dan (u cioè 1/4 x 1/3 = 1/12).

73. 1/12 ta' €234,870.08 = **€19,572.51.**

*Imgħax*

74. L-ewwel interpellazzjoni għall-ħlas tal-porzjon riżervat saret mir-rikorrenti permezz tal-ittra uffiċjali tal-20 ta' Awwissu 2019, u għalhekk fiż-żmien sentejn mid-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni (cioè 16 ta' Jannar 2019). B'hekk, u għaliex ma ngiebitx prova jew raġuni għaliex m'għandux jkun hekk, għandu jsir il-ħlas ta' imgħax skont ir-rata stabbilita fl-artikolu 1139 tal-Kap. 16, mid-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni (16 ta' Jannar 2019) sal-ġurnata tal-pagament effettiv.

**Parti deċiżiva**

75. Għal dawn ir-raġunijiet, il-qorti qiegħda:-

a. Tiċħad l-ewwel, it-tielet u s-sitt talbiet peress li r-rikorrenti m'irnexxilhiex tipprova li d-dispożizzjoni testamentarja relattiva hija bbażata fuq raġuni falza, u li waħidha ġiegħlet lit-testatur jagħmilha;

b. Tilqa' t-tielet, ir-raba' u l-ħames talbiet u b'hekk:

i. tillikwida l-porzjon tar-rikorrenti mis-sehem riservat tal-assi ereditarji ta' ommha Beatrice sive Bice Mizzi fl-ammont ta' €17,497.80, bl-imgħax skont l-artikolu 1139 tal-Kap. 16, dekorribbli mit-22 ta' Ottubru 2017 sal-ġurnata tal-pagament effettiv;

ii. tillikwida l-porzjon tar-rikorrenti mis-sehem riżervat tal-assi ereditarji ta' missierha Carmelo sive Charles Mizzi, fl-ammont ta' €19,572.51, bl-imgħax skont l-artikolu 1139 tal-Kap. 16, dekorribbli mis-16 ta' Jannar 2019 sal-ġurnata tal-pagament effettiv; u

iii. tikkundanna lill-konvenuti jħallsu l-istess ammonti likwidati.

L-ispejjeż tal-kawża jinqasmu 3/4 għall-konvenuti u 1/4 għar-rikorrenti.

Henri Mizzi
Imħallef

Tristan Duca
Deputat Reġistratur